MALTA

**QORTI ĊIVILI**

**PRIM' AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**

**LAWRENCE MINTOFF**

Seduta tat-8 ta' April, 2016

Rikors Maħluf Numru: 1187/14 LM

**Joseph Brincat (8661M)**

**vs.**

**Automated Revenue Management Services Limited (C-46054) u Veronica Brincat (222865M)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-Rikors Maħluf tal-attur **Joseph Brincat** (minn issa 'l quddiem "l-attur") ippreżentat fit-30 ta' Diċembru, 2014 fejn ikkonferma bil-ġurament u għar-raġunijiet imfissra talab lil din il-Qorti:

*Illi l-esponent kien proprjetarju flimkien mal-eks mara tiegħu il-konvenuta Veronica Brincat tal-fond bin-numru 204, qabel magħruf bħala Angel's Petshop, fi Triq id-Duluri, Pietà;*

*Illi permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni li kien jinkludi x-xoljiment u qsim tal-komunjoni tal-akkwisti tal-31 ta' Lulju 2006 fl-atti tan-Nutar Dottor Ritienne Bugeja Fenech (Dok. "A") l-esponent assenja sehmu fil-ħanut lil martu;*

*Illi minkejja li s-soċjetà konvenuta ġiet infurmata b'din l-assenjazzjoni, sal-lum l-arloġġi tad-dawl u l-ilma tal-istess ħanut għadhom reġistrati f'isem l-esponent, li għadu jirċievi l-kontijiet għas-servizzi tad-dawl u tal-ilma tal-istess fond;*

*Illi l-esponenti ilu snin twal jinterpella s-soċjetà konvenuta, kemm verbalment, kemm bil-miktub (Ittri interpellatorji markati Dok. "C" u "D" u protest ġudizzjarju market Dok. "E"), sabiex taqleb ir-reġistrazzjoni tal-arloġġi tad-dawl u tal-ilma f'isem l-eks mara tiegħu Veronica Brincat wara li hi tat il-kunsens tagħha għall-assenjazzjoni favuriha tal-istess ħanut bl-att pubbliku hawn fuq imsemmi;*

*Illi minkejja dan, is-soċjetà konvenuta baqgħet tirrifjuta li tirreġistra l-bdil tal-konsumatur tal-imsemmi ħanut f'isem is-sid il-ġdid kif hawn fuq spjegat. Inoltre, minħabba l-kont li hemm pendenti fuq dawn l-arloġġi, is-soċjetà konvenuta qed tirrifjuta li tirreġistra f'isem l-esponent il-meter tad-dawl temporanju tan-negozju tiegħu bl-isem "Masha";*

*Illi minħabba n-nuqqas u d-dewmien abbużiv tas-soċjetà konvenuta biex tirreġistra l-bdil tal-konsumatur reġistrat, kif hawn fuq spjegat, l-esponent bata u għadu qed ibati danni, inklużi spejjeż u telf ta' qligħ.*

*Għaldaqstant talab lil din il-Qorti sabiex:*

1. *tordna l-bdil tar-reġistrazzjoni tal-konsumatur tal-ħanut bin-numru 204, fi Triq id-Duluri, Pietà f'isem is-sid il-ġdid tal-istess ħanut, u konsegwentement tittrasferixxi kwalsiasi kont pendenti fuq l-arloġġi relattivi f'isem l-istess sid ġdid;*

2. *tiddikjara lis-soċjetà konvenuta responsabbli għad-danni kollha sofferti mill-esponent, inkluż telf ta' qligħ u spejjeż żejda inkorsi b'riżultat tar-rifjut li jiġi reġistrat f'isem l-esponent il-meter temporanju tal-kiosk bl-isem Masha u b'riżultat ukoll tar-rifjut li l-meter tal-imsemmi ħanut 204, Triq id-Duluri, Pietà jinqaleb f'isem is-sid il-ġdid;*

3. *tillikwida d-danni hekk sofferti, okkorendo permezz ta' perit nominand;*

4. *tordna lis-soċjetà konvenuta tħallas lill-esponent is-somma hekk likwidata.*

*Bl-ispejjeż u bl-imgħaxijiet.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tas-soċjetà konvenuta **Automated Revenue Management Services Limited** (minn issa 'l quddiem "is-soċjetà konvenuta") ippreżentata fis-26 ta' Jannar, 2015 fejn eċċepiet is-segwenti:

1. *preliminarjament in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni tal-Qorti sabiex tisma' u tiddeċiedi l-kawża odjerna u dan ai termini tal-paragrafu 1.3, Taqsima A tar-raba' skeda tal-Kapitolu 387 tal-Liġijiet ta' Malta;*

2. *it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li mhumiex ibbażati fuq xi jedd mogħti lilu mil-liġi u s-soċjetà konvenuta m'għandha ebda obbligu li tvarja, jekk mhux saħansitra tippreġudika, il-pożizzjoni tagħha fil-konfront ta' debituri tagħha sempliċiment għaliex ir-rikorrent ftiehem ma' terzi dwar trasferiment ta' sehmu minn proprjetà immobbli;*

3. *dwar il-meter temporanju tal-kiosk Masha, it-tieni talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li mhix sostnuta b'ebda dikjarazzjoni ta' xi nuqqas da parti tas-soċjetà eċċipjenti u għaldaqstant, it-talba għal-likwidazzjoni ta' allegati danni ma għandha l-ebda bażi la fil-fatt u lanqas fid-dritt;*

4. *it-talbiet tar-rikorrent huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li jmorru manifestament kontra dak li (trid) il-liġi, senjatament il-leġislazzjoni sussidjarja 423.01;*

5. *illi jinkombi fuq ir-rikorrent sabiex iressaq prova tal-allegati danni u fi kwalunkwe każ, dawn huma kkontestati.*

Rat ir-Risposta Maħlufa tal-konvenuta **Veronica Brincat** (minn issa 'l quddiem "il-konvenuta") ippreżentata fit-30 ta' Novembru, 2015 fejn wara li rrilevat illi meta sar il-kuntratt ta' separazzjoni hija kienet ħeġġet bil-qawwa kollha, inutilment, lill-attur biex imur għand is-soċjetà konvenuta biex tinqaleb ir-reġistrazzjoni tal-arloġġi; u illi b'kuntratt tal-14 ta' Lulju, 2008 hija biegħet il-ħanut lil Bryan Tyre Services Limited u ai termini tal-istess kuntratt ħallset il-kontijiet kollha pendenti u reġgħet ħeġġet lill-attur biex idawwar ir-reġistrazzjoni, eċċepiet illi:

1. *mhix leġittima kontradditriċi stante li fir-rikors promutur ma ntalbet l-ebda azzjoni da parti tal-esponenti;*

2. *it-talbiet attriċi fil-konfront tal-esponenti huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante l-fatt li l-arloġġi mertu ta' din il-kawża qatt ma kienu rreġistrati f'isimha u li hija m'għandha l-ebda setgħa sabiex tieħu kwalunkwe sabiex dawn l-arloġġi jiġu irreġistrati f'isem is-sid il-ġdid;*

3. *l-attur għandu jipprova d-danni minnu allegati;*

Rat l-atti kollha tal-kawża u d-dokumenti li ġew esebiti mill-kontendenti.

Rat il-verbal tas-seduta tal-14 ta' Diċembru, 2015 fejn l-avukati difensuri tal-partijiet qablu li l-kawża għandha titħalla għat-trattazzjoni dwar l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta.

Semgħet lill-avukati difensuri tal-partijiet jittrattaw l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta.

Rat il-verbal tas-seduta tat-22 ta' Frar 2016 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza dwar l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta.

**Ikkunsidrat:**

**Il-kwistjoni bejn il-partijiet**

Illi f'din il-kawża, l-attur qiegħed jitlob lis-soċjetà konvenuta sabiex tordna l-bdil tar-reġistrazzjoni tal-arloġġi tad-dawl u tal-ilma tal-ħanut bin-numru 204, Triq id-Duluri, Pietà minn fuq ismu għal fuq isem is-sid il-ġdid. Huwa ħarrek ukoll lill-eks mara tiegħu Veronica Brincat; semma fil-premessi tar-Rikors Maħluf li kien assenjalha sehmu mill-ħanut fil-kuntratt ta' likwidazzjoni u qsim tal-komunjoni tal-akkwisti, iżda m'għamel l-ebda talba kontrieha.

Illi s-soċjetà qed teċċepixxi preliminarjament in-nuqqas ta' ġurisdizzjoni ta' din il-Qorti sabiex tisma' u tiddeċiedi l-kawża odjerna u dan ai termini tal-paragrafu 1.3, Taqsima A tar-Raba' Skeda tal-Kapitolu 387 tal-Liġijiet ta' Malta.

Illi skont ir-Raba' Skeda tal-Kapitolu 387 tal-Liġijiet ta' Malta:

> "It-tilwimiet hawn iżjed 'l isfel imsemmija fit-Taqsima A għandhom jiġu determinati b'arbitraġġ:
>
> 1.3 Tilwimiet marbuta mas-servizzi tal-elettriku u tal-ilma
>
> Kull tilwima li jkollha x'taqsam mal-provvista tal-enerġija elettrika, kera ta' meter tal-elettriku, jew kull servizz provdut mill-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni, u kull tilwima marbuta mas-servizzi tal-ilma, bla ħsara, fejn dan japplika, għad-disposizzjonijiet tal-artikolu 466 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili, għad-dispożizzjonijiet tal-Att dwar it-Trasferiment tal-Attiv, id-Drittijiet, id-Debiti u l-Obbligi ta' Enemalta u l-Att dwar il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, u għad-

dispożizzjonijiet tar-Regolamenti dwar il-Provvista tal-Elettriku u r-Regolamenti dwar il-Fornitura ta' Ilma:

Iżda l-konsumaturi jkollhom jedd jippreżentaw it-talbiet tagħhom kontra l-operatur tas-sistema ta' distribuzzjoni jew il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, kif ikun il-każ, skont il-proċedura stabbilita b'dan l-Att:

Iżda wkoll minkejja d-dispożizzjonijiet ta' kull liġi oħra, iżda minbarra l-Att dwar l-Affarijiet tal-Konsumatur jew kull regolament magħmul taħtu fejn dawn il-liġijiet jikkonċernaw is-soluzzjoni, deskritta kif deskritta, ta' kull tilwim tal-konsumatur, u bla ħsara għal każijiet li hemm pendenti, it-Tribunal tal-Arbitraġġ għandu jkollu l-ġurisdizzjoni esklussiva fuq dawn il-każijiet."

Huwa minnu li t-tneħħija tal-kompetenza ta' din il-Qorti għandha dejjem tingħata interpretazzjoni restrittiva. B'danakollu, fir-rigward tal-arbitraġġ mandatorju id-dispożizzjonijiet tal-preċitat paragrafu 1.3 mhumiex ristretti għall-ħlas tal-kontijiet tad-dawl u tal-ilma. Huwa wiesa' sewwa u jkopri kull tilwima li għandha x'taqsam mal-provvista tal-enerġija elettrika u kull tilwima marbuta mas-servizzi tal-ilma. F'dawn l-oqsma, il-leġiżlatur jagħmilha ċara li qed jagħti, salv xi eċċezzjonijiet, kompetenza esklussiva lit-Tribunal tal-Arbitraġġ.

Il-Qorti m'għandha l-ebda dubju li l-bdil tar-reġistrazzjoni tal-arloġġi tad-dawl u tal-ilma jaqgħu b'mod ċar fil-parametri ta' dan il-paragrafu. Fit-trattazzjoni orali, l-abbli avukat difensur tal-attur iċċita sentenza tat-Tribunal Għal Talbiet Żgħar fl-ismijiet **Paul Mompalao vs. Korporazzjoni tas-Servizzi tal-Ilma**[1] in sostenn tas-sottomissjoni tiegħu li din il-Qorti hija kompetenti. Tabilħaqq din

[1] Datata 18 ta' Settembru, 2012.

is-sentenza ddeċidiet li t-Tribunal tal-Arbitraġġ ma kienx kompetenti, iżda l-fattispeċje kienu għalkollox differenti minn dawk tal-każ preżenti. It-talba kienet għall-ħlas ta' danni mingħand il-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma wara li l-vettura tiegħu ħabtet ma' tappiera tad-drenaġġ li nqalgħet bl-ilma tax-xita. It-Tribunal iċċita in sostenn tad-deċiżjoni tiegħu sentenza tal-Qorti tal-Maġistrati[2], li kienet dwar ħsara f'bini kkawżat minn ilma li skula minn katusa tad-drenaġġ li kienu qegħdin isiru xogħlijiet fuqha minn ħaddiema tal-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma. Lanqas din il-kawża ma kellha x'taqsam xejn ma' servizzi tal-elettriku u tal-ilma.

Imbagħad l-avukat difensur tal-attur iċċita s-sentenza *in parte* fl-ismijiet **Ray Zammit noe vs. Keith Azzopardi et** mogħtija minn din il-Qorti kif ippreseduta.[3] F'dik il-kawża, l-attur talab likwidazzjoni u ħlas ta' danni mingħand il-konvenuti Keith Azzopardi u Paparukei II Limited minnhom ikkawżati f'fond li kien krielhom; kif ukoll biex jagħmlu kulma kien meħtieġ biex is-servizzi tad-dawl u ilma jduru għal fuqu, filwaqt li talab lill-konvenuta l-oħra Automated Revenue Management Services Limited sabiex tirreġistra dan it-trasferiment. F'dik il-kawża, il-Qorti, hija u tikkunsidra jekk kellhiex kompetenza jew le, qieset li t-talba ewlenija ma kinitx diretta kontra l-fornitur tas-servizzi tad-dawl u tal-ilma, iżda kienet diretta kontra l-eks inkwilini tal-fond proprjetà tal-attur. Ma kien hemm l-ebda tilwima mal-fornitur tas-servizzi inkwistjoni. Dan tal-aħħar ma kienx irrifjuta li jdawwar is-servizzi imma ġie iċċitat fil-kawża sabiex

[2] **Elmo Insurance Limited vs. Korporazzjoni Għas-Servizzi tal-Ilma** datata 30 ta' Ottubru 2007.
[3] Datata 6 ta' Mejju, 2015.

jirreġistra t-trasferiment tal-arloġġi wara li jsiru l-proċeduri appożiti mill-konvenuti l-oħrajn.

Min-naħa l-oħra, fil-każ preżenti t-talba hija diretta kontra l-fornitur tas-servizzi li, tajjeb jew ħażin, qiegħed jirrifjuta li jdawwar l-arloġġi minn fuq isem l-attur għal fuq isem terzi.

Dak li jissufraga lill-attur mill-kawża **Ray Zammit noe vs. Keith Azzopardi et** hi dik il-parti tas-sentenza fejn din il-Qorti għamlet riferenza għas-sentenza ta' din il-Qorti kif diversament ippresjeduta (fil-kompetenza kostituzzjonali tagħha) fil-kawża fl-ismijiet **H. Vassallo & Sons Limited (C3847) vs. Avukat Generali**, **l-Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma u l-Korporazzjoni Enemalta għal kull interess li jista' jkollhom**[4], li ddikjarat illi l-arbitraġġ mandatorju bħala effett tal-Artikoli 1.3 tar-Raba' Skeda tal-Att Dwar l-Arbitraġġ fid-dawl tal-Artikolu 15(11) tal-istess Att, huwa leżiv tad-dritt għal smigħ xieraq kif protett kemm fl-Artikolu 39 tal-Kostituzzjoni ta' Malta kif ukoll fl-Artikolu 6 tal-Konvenzjoni Ewropea kif inkorporata fil-Att dwar il-Konvenzjoni Ewropea (Kapitolu 319).

Għalhekk din il-Qorti tibqa' kompetenti li tisma' din il-kawża minkejja d-dispożizzjonijiet tal-liġi dwar l-arbitraġġ fuq imsemmija.

[4] Deċiża fil-11 ta' Marzu, 2010 u kkonfermata mill-Qorti Kostituzzjonali tat-30 ta' Settembru, 2011.

Din il-Qorti hija konxja li fil-ġurisprudenza Maltija hemm żewġ skejjel ta' ħsieb dwar din il-materja: waħda li ssostni li sentenza li tiddikjara liġi minnha nfisha leżiva tal-jeddijiet fundamentali hija applikabbli biss bejn il-partijiet f'dik il-kawża u l-oħra li tgħid li sentenza bħal din hija applikabbli *erga omnes*; u illi l-Onorabbli Qorti tal-Appell kif preżentement komposta tissottoskrivi għall-ewwel skola ta' ħsieb.[5] B'danakollu, bir-rispett kollu, din il-Qorti hija tal-fehma li, kif ingħad fil-kawża fl-ismijiet **Paola sive Pawlina Vassallo vs. Marija Dalli**[6],

> "Din il-Qorti bir-rispett tħoss li huwa doveruż għaliha li tapplika l-istess dispożizzjoni tal-Kostituzzjoni, u dan kemm sabiex tiġi segwita l-istess Kostituzzjoni u wkoll għaliex tħoss ma jistax ikun hemm sitwazzjoni fejn liġi tiġi ddikjarata nulla għaliex tmur kontra d-drittijiet tal-bniedem u allura ma tkunx applikabbli bejn xi persun(i), u minn naħa l-oħra jkun hemm deċiżjoni fejn tapplika l-istess liġi għal persuni oħra – u dan iktar u iktar fejn il-liġi għandha tkun l-istess u applikabbli għal kullhadd u dan in omaġġ ukoll għar-*Rule of Law*. Dan iktar u iktar meta liġi tiġi ddikjarata mill-Qorti fil-kompetenza tagħha kostituzzjonali bħala nulla u bla effett u allura l-istess liġi ma tistax, minħabba d-dispożizzjonijiet stess tal-istess Kostituzzjon(i), ma tibqax iżjed applikabbli u dan *erga omnes*. L-argument l-ieħor joħloq liġi għal xi persuni u liġi oħra għal persuni oħra – ħaġa li mill-*punto di vista* legali u iktar f'ambitu ta' protezzjonijiet ta' drittijiet tal-bniedem lanqas għandha tiġi kkunsidrata għaliex toħloq inċertezza u inġustizzja manifesta. Kien fuq dan il-binarju li ngħatat is-sentenza wkoll fuq dan il-punt fl-ismijiet **Maria Azzopardi vs. Saver Sciortino** (P.A. (RCP) – 31 ta' Jannar, 2007). Għalhekk din il-Qorti tilqa' l-ewwel eċċezzjoni tal-attriċi għall-kontrotalba tal-konvenuta."

[5] Ara per eżempju l-kawża fl-ismijiet **Michelina xebba Said vs. Estelle Azzopardi** deċiża mill-Qorti tal-Appell fil-31 ta' Ottubru, 2014.
[6] PA datata 30 ta' Ottubru, 2008.

**Decide**

**Għar-raġunijiet kollha premessi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċidi billi tiċħad l-ewwel eċċezzjoni tas-soċjetà konvenuta.**

**Spejjeż riżervati għall-ġudizzju finali.**

Moqrija

--------------------TMIEM--------------------